MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 163/2004

**Maltacom p.l.c. – C22334**

**vs**

**Ruth Doris Vassallo Prichard (ID 233350M)**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u sitta u tletin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm2,436.99) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21806864 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok A) liema servizz gie nstallat fil-fond 'Serjon' Triq Mater Boni Consigli, Fgura (CN1019685 a/c 10041359) u dana skond ma kif jirrizulta mill-kopja ta' l-appilkazzjoni annessa u mmarkata Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-Avviz ghas-smiegh, ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-3 ta' Mejju, 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------